# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 10**

**Rikors kostituzzjonali numru 6/2016 JRM**

**Oliver Agius**

***v.***

**L-Onorevoli Prim'Ministru, l-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tat-Taxxi**

1. Dan huwa appell tal-attur minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fid-29 ta' Settembru 2016 li bih ħelset lill-Prim'Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju minħabba nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva u għażlet illi ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] biex tisma' u tiddeċiedi dwar it-talba tal-attur għal rimedju minħabba ksur ta' drittijiet

fondamentali għax kienet sodisfatta li l-attur kellu mezzi xierqa ta' rimedju taħt liġi oħra għall-ksur allegat.

2. L-attur kien talab illi l-qorti (a) issib li d-disposizzjonijiet tal-art. 31(7) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa [Kap. 372], safejn dawn iwaqqfu l-mixja tal-preskrizzjoni kontra l-Kummissarju tat-Taxxi ["il-Kummissarju"], jiksru l-jedd fundamentali tiegħu taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] dwar jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, u taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ["l-Ewwel Protokoll"] dwar it-tgawdija paċifika tal-beni tiegħu; (ii) issib li l-mod "kapriċċjuż" li bih il-Kummiss-arju qiegħed jittanta jħaddem id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi art. 31(7) tal-Kap. 372 ukoll jikser il-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin taħt l-istess disposizzjonijiet fuq imsemmija; (iii) issib li l-istima maħruġa mill-Kummisarju hija waħda maħruġa wara li għalaq iż-żmien li setgħet tinħareġ u għalhekk tħassarha; (iv) tordna li jingħata kumpens xieraq minħabba l-ksur tal-jeddijiet tiegħu; u (v) tagħti kull rimedju jew direttiva oħra li jidhrilha xieraq. Talab ukoll l-ispejjeż.

3. Il-konvenuti resqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi l-Prim'Ministru ma huwiex kontradittur leġittimu u illi l-qorti kellha tagħżel, kif igħid u jrid il-*proviso* għall-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-art. 4(2) tal-Kap. 319, li ma tinqediex bis-setgħat tagħha li tisma' u tiddeċiedi l-kawża.

4. L-ewwel qorti laqgħet dawn l-eċċezzjonijiet għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »… … … din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jilminta li l-ħruġ fir-rigward tiegħu ta' avviżi ta' likwidazzjoni min-naħa tal-Kummissarju intimat dwar dħul (*income*) għal żminijiet li jmorru lura s-snin jiksirlu l-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 1 Protokoll I tal-Konvenzjoni, u dan għaliex tali avviżi nħarġu wara li kien għalaq iż-żmien li setgħu jinħarġu. Huwa jgħid li r-raġuni mogħtija mill-imsemmi Kummissarju intimat li l-liġi tagħtih il-jedd li joħroġ l-imsemmija avviżi minkejja li jkun għadda ż-żmien – bis-saħħa tal-artikolu 31(7) tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta' Malta – wkoll iġib ksur tal-imsemmija jeddijiet safejn dawn iħarsu l-ħtieġa ta' proċedimenti fi żmien raġonevoli u fejn jolqtu t-tgawdija paċifika tal-possedimenti ta' dak li jkun. Huwa jrid li l-qorti ssib li l-imsemmi artikolu tal-liġi minnu nnifsu jikser l-imsemmija drittijiet fundamentali. Irid ukoll li l-qorti ssib li l-avviżi ta' likwidazzjoni maħruġin mill-imsemmi intimat jiksru l-jeddijiet fundamentali msemmija, u għal-hekk għandhom jitħassru. Jitlob ukoll kumpens u l-għoti ta' provvedimenti oħrajn xierqa biex jagħmlu tajjeb għall-ksur tal-jeddijiet li jgħid li ġarrab;
>
> »Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-intimat onorevoli Prim Ministru mhuwiex kontradittur leġittimu tal-imsemmija azzjoni u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Żiedu jgħidu wkoll li r-rikorrent ma kienx għadu nqeda bir-rimedji ordinarji disponibbli lilu, billi l-proċeduri li huwa fetaħ quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kienu għadhom għaddejjin, u għalhekk qalu li l-qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. … … …
>
> »… … …
>
> »Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża u safejn rilevanti għas-sentenza tallum jirriżulta li fis-27 ta' Awwissu tal-2009, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni wasallu dokument anonimu dwar xi transazzjonijiet bankarji magħmulin matul iż-żmien bejn Diċembru tal-2004 sa Frar tal-2006 mill-kumpannija *Rail Trading Company Limited* favur kontijiet bankarji ta' kumpanniji taljani. L-imsemmija kumpannija kienet inkorporata u reġistrata fir-Renju Unit fl-1 ta' April tal-1992, b'uffiċċju reġistrat f'Londra, u jirriżulta li r-rikorrent huwa l-azzjonist u d-direttur waħdieni tagħha. Uffiċjalment, l-imsemmija kumpannija ma wettqet l-ebda attività kummerċjali jew negozju ("*dormant*") maż-żmien;
>
> »Illi r-rikorrent għandu interessi wkoll – kemm bħala azzjonist u/jew uffiċjal – f'kumpanniji oħrajn reġistrati u inkorporati f'Malta;
>
> »Illi wara li wasallu l-imsemmi tagħrif, id-dipartiment nieda proċess ta' verifika u f'Settembru tal-2009 bagħat jgħarraf b'dan lir-rikorrent u biex jitolbu jgħaddi tagħrif u dokumentazzjoni li setgħu jgħinu lid-dipartiment iwettaq il-verifika. Għalkemm għall-bidu l-verifika kellha ssir dwar sena ta' stima waħda (2008), mit-tiftix li sar fid-dipartiment ħarġet il-ħtieġa li l-verifika titwessa' għal snin oħrajn li fihom jidher li kien naqas

li jibgħat id-denunzja tad-dħul. Saru laqgħat bejnu u uffiċjali tad-Dipartiment bejn l-2009 u l-2010;

»Illi minħabba li d-dipartiment qies li tagħrif li kien ilu jitlob mingħand ir-rikorrent baqa' ma ngħatalux u minħabba li minn tiftix li sar ħareġ li r-rikorrent jew kumpanniji li għandu sehem fihom kienu wettqu negozji li ħallew dħul u qligħ, id-dipartiment ħareġ avviżi ta' likwidazzjoni oriġinali f'Jannar tal-2011;

»Illi f'April tal-2011 ir-rikorrent ressaq oġġezzjoni għall-imsemmija likwidazzjonijiet;

»Illi wara li saru laqgħat oħrajn bejn ir-rikorrent (u xi drabi mgħejjun minn avukat) u d-dipartiment, fit-3 ta' Ġunju tal-2013 [id-dipartiment] ħareġ avviżi ta' likwidazzjoni (dawk li minnhom jilminta r-rikorrent f'din il-kawża) u kien mgħarraf li d-Direttur Ġenerali kien warrab l-oġġezzjonijiet li huwa kien ressaq għall-avviżi ta' likwidazzjoni oriġinali;

»Illi fit-30 ta' Lulju 2013 ir-rikorrent fetaħ proċedura quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva biex jikkontesta l-avviż ta' likwidazzjoni dwar is-sena ta' stima tal-2004;

»Illi waqt is-smigħ tal-imsemmija proċedura, ir-rikorrent qajjem il-kwestjoni tal-preskrizzjoni u waqt is-smigħ quddiem dak it-tribunal fil-11 ta' Jannar 2016 l-avukat difensur tiegħu għarraf lit-tribunal li kien sejjer jiftaħ din il-kawża b'rabta ma' dak li jiddisponi l-artikolu 31(7)(*a*) tal-Kap 372;

»Illi fl-14 ta' Jannar 2016 ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

»Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjonijiet taħt eżami jitolbu li l-qorti tqishom fil-qafas tal-istadju tal-kawża li fih tinsab illum. Il-qorti sejra l-ewwel tqis it-tieni eċċezzjoni preliminari u mbagħad, jekk ikun il-każ, tgħaddi biex tqis l-ewwel waħda;

»Illi għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni preliminari l-intimati jagħmluha ċara li huma qegħdin jirreferu għall-proċeduri miftuħa mir-rikorrent quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "it-Tribunal") dwar wieħed mill-avviżi ta' likwidazzjoni maħruġin kontrih mill-kummissarju intimat;

»Illi l-qorti tħoss li huwa tajjeb li ttenni li l-ilmenti tar-rikorrent jinbnew fuq żewġ jeddijiet partikolari – dak dwar smigħ xieraq fi żmien raġonevoli (kemm fl-aspett kostituzzjonali u kif ukoll konvenzjonali tiegħu) u dak dwar it-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti ta' dak li jkun u l-ħarsien mill-indħil f'dik it-tgawdija (mill-aspett konvenzjonali). Il-qorti tinnota li l-eċċezzjoni taħt eżami tirrigwarda kemm l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u kif ukoll l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

»Illi l-intimati jgħidu li l-każ li qiegħed jinstema' quddiem it-Tribunal jagħti lir-rikorrent rimedju xieraq u effettiv biżżejjed biex jindirizza l-ilment li huwa qiegħed jagħmel f'din il-kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Huma jżidu jgħidu li l-kwestjoni ewlenija li fuqha jissejjes l-ilment tar-rikorrent f'din il-kawża hija l-kwestjoni tal-preskrizzjoni (jew aħjar, in-nuqqas tagħha) li tqum taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(1)(*a*) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372). Ifakkru li din kienet sewwasew il-kwestjoni li r-rikorrent f'din il-kawża qajjem fil-kawża miftuħa minnu quddiem it-Tribunal u li dak it-Tribunal kien

qiegħed jistħarreġ sakemm ir-rikorrent għażel li jiftaħ din il-kawża bl-istess ilment;

»Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jgħid li dak li l-intimati jqisu li huwa rimedju "ordinarju" xieraq ma huwa rimedju xejn, għaliex "idejn it-Tribunal huma marbutin mil-liġi" u għalhekk ser ikun għalxejn li r-rikorrent joqgħod jittratta dwar l-eċċezzjoni tiegħu kontra l-mixi tal-preskrizzjoni fil-konfront tal-kummissarju, meta l-liġi (ordinarja) tgħid dak li tgħid;

»Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-qorti bħala stat ta' fatt attwali u oġġettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċedix l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

»Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzz-jonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali;

»Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diġà seħħ jew li x'aktarx iseħħ;

»Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kienu l-intimati li qajmu l-eċċezzjoni li r-rikorrent naqas li jinqeda b'rimedji oħra li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, u huwa għalhekk dmir tagħhom li juru li r-rikorrent tassew kellu dak ir-rimedju u li naqas li jinqeda bih;

»… … …

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali meżżi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalità, inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent; (f) l-eżerċizzju minn qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq jagħti lil qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali;

»Illi d-diskrezzjoni li l-qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat;

»… … …

»Illi l-kejl determinanti dwar l-aċċettabilità ta' rimedju bħal dak jibqa' dejjem dak ta' kemm huwa effettiv ir-rimedju li jista' jingħata. Għalhekk, kien hemm każijiet fejn ir-rimedju amministrattiv tqies bħala wieħed li jindirizza sewwa l-ilment imressaq mir-rikorrent … … … imma kien hemm każijiet oħrajn ukoll fejn tali rimedju ma tqiesx bħala wieħed effettiv;

»Illi, minbarra dan, jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri "ordinarji" qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju "kostituzzjonali" jew "konvenzjonali" jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. … … …

»Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li l-qorti għadha kemm għamlet, jidher li l-eċċezzjoni mqajma mill-intimati hija tajba fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Huwa minnu li waħda mit-talbiet ewlenin tar-rikorrent hija s-sejbien li disposizzjonijiet partikolari ta' liġi jiksru jedd fundamentali. Din il-qorti hija tal-fehma li talba bħal din hija waħda li taqa' fil-milja tagħha fil-kompetenza "kostituzzjonali" ta' din il-qorti. Tagħraf ukoll li t-Tribunal ma huwiex "qorti" għall-finijiet tat-tifsira mogħtija fl-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni u għalhekk ma jistax, minn rajh jew fuq talba tar-rikorrent, jagħmel "riferenza kostituzzjonali" lil din il-qorti. Madankollu, id-disposizzjonijiet tal-liġi li r-rikorrent qiegħed jil-minta dwarhom f'din il-kawża – b'mod partikolari l-artikolu 31(7)(*a*) tal-Kap. 372 – ma jridux jinqraw waħedhom bħallikieku kienu dispos-izzjonijiet maqtugħin għalihom mill-bqija;

»Illi kemm hu hekk, u bla ma din il-qorti tipprova tagħmel xi ġudizzju dwar il-qagħda u t-tifsir tal-liġi, jidher ċar li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 31(7) huma eċċezzjoni għar-regola (li allura tippreskrivi l-jeddijiet tal-kummissarju intimat sa żmien limitat) li tinsab fl-artikolu 31(6). Tajjeb li jingħad li r-rikorrent innifsu jsemmi dan l-aħħar sub-artikolu fir-rikors promotur tiegħu wkoll. Għal din il-qorti, dan ifisser li t-Tribunal huwa l-organu kompetenti biex jistħarreġ dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet u jipprovdi dwarhom u dan billi huwa wkoll iqis l-implikazzjonijiet "konvenzjonali" fit-tifsira u l-applikazzjoni tagħhom fid-dawl ta' interpretazzjoni ġurisprudenzjali jew dottrinali aġġornati li jkunu jgħoddu għall-każ, bla ma b'daqshekk ikun ħa s-setgħa ta' din il-qorti li tgħid jekk xi liġi partikolari tiksirx il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni. Minbarra dan, minn deċiżjoni tat-Tribunal fuq kwestjoni bħal din, il-liġi tagħti lir-rikorrent rimedju ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell li tkun f'qagħda li tiggarantixxi s-salvagwardji ta' smigħ xieraq u, jekk ikun il-każ, tista' tirreferi l-kwestjoni jew it-tqanqil ta' eventwali "kwestjoni" kostituzzjonali lil din il-qorti;

»Illi l-qorti jidhrilha li l-argument tar-rikorrent li t-Tribunal irid japplika l-liġi ma jwassalx bilfors li l-istess Tribunal ma jistax jinterpretaha jew iħaddimha b'mod li jħares il-jeddijiet fundamentali tiegħu, bħallikieku dak it-Tribunal huwa biss timbru formali li xogħolu huwa dak li japprova jew jiġġustifika l-għemil tal-kummissarju intimat;

»Illi konsiderazzjoni oħra fattwali hi li, sakemm il-proċediment mibdi mir-rikorrent quddiem it-Tribunal għadu għaddej, ma jistax jingħad li sejjer iġarrab xi ħsara jew preġudizzju fil-jeddijiet tiegħu, sakemm il-kwestjoni mqajma minnu f'din il-kawża jkunu mistħarrġa u trattati. Dan, fil-fehma meqjusa tal-qorti, iżid aktar mal-fehma tagħha li r-rimedju "ordinarju" li għandu r-rikorrent u li huwa għażel li jinqeda bih huwa rimedju fejjiedi u attwali li jagħmel din l-azzjoni tiegħu waħda mressqa qabel il-waqt;

»Illi, wara li l-qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-intimati tawha raġunijiet tajba biżżejjed biex tilqa' l-istedina tagħhom li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' l-każ imressaq quddiemha mir-rikorrent, u dan għar-raġuni li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedji oħrajn tajba dwar l-ilment tiegħu. Għalhekk, il-qorti sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni prelimin-ari tagħhom;

»Illi għalkemm tista' tieqaf hawnhekk, il-qorti sejra tqis ukoll l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar jekk il-Prim Ministru messux tħarrek f'din il-kawża;

»Illi l-qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-qrati tagħna għarfu din ir-realtà u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradituri f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

»Illi l-kwestjoni tas-sehem li l-Prim Ministru jista' jkollu f'kawżi dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali jidher li mhux minn dejjem kienet mogħtija l-istess tifsira mill-qrati u l-awturi. Iżda issa jidher li dwar l-imsemmija kwestjoni l-Qorti Kostituzzjonali fl-aħħar żminijiet stabiliet linja ta' deċiżjonijiet li turi li, wkoll fejn fl-ilment imressaq dwar ksur ta' jedd fundamentali tintalab dikjarazzjoni li disposizzjoni ta' liġi nnifisha tikser xi jedd fundamentali, f'dak il-każ il-kontradittur leġittimu jkun l-Avukat Ġenerali u mhux il-Prim Ministru;

»Illi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tintlaqa' wkoll;

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħed taqta' u tiddeċiedi billi:

»tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati u ssib li l-intimat onorevoli Prim Ministru ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tar-rikorrent;

»tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati u tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġuni li r-rikorrent għandu rimedju "ordinarju" mogħti lilu mil-liġi li jista' jinqeda bih qabel ma jdur għall-proċedura bħal fil-kawża tallum; u

»teħles lill-intimati milli jibqgħu aktar fil-kawża, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.«

5. Minn din is-sentenza appella l-attur b'rikors tal-4 ta' Ottubru 2016 li għalih il-konvenuti wieġbu fit-12 ta'Ottubru 2016.

6. Billi hija tal-fehma illi l-kwistjoni jekk il-Prim'Ministru kellux ikun im-ħarrek hija loġikament anterjuri għall-kwistjoni taħt il-*proviso* għall-artt.

46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319, il-qorti sejra tibda bl-aggravju tal-attur li jolqot dik il-parti tas-sentenza li sabet illi l-Prim' Ministru ma huwiex kontradittur leġittimu. L-attur fisser dan l-aggravju hekk:

> »Il-Prim Ministru huwa r-rappreżentant tal-gvern *par excellence* b'ris-ponsabbilità finali ghal-egħmejjel tad-dipartimenti governattivi kollha. Il-każ odjern jinvolvi lment dwar operat dipartimentali; għalhekk l-inġunzjoni tal-Prim Ministru kienet doveruża.
>
> »Huwa risaput illi jeżistu żewġ skejjel ta' ħsieb dwar jekk il-Prim Ministru huwiex leġittimu kuntradittur f'kawża bħal dik odjerna. L-esponent jagħżel illi ma jkunx diviżiv u mhux ser jiċċita awtorità kontra awtorità oħra. Minkejja illi sentenzi reċenti javvolaraw it-teżi tas-sentenza appellata jibqa' l-fatt illi l-inċertezza ma ġietx eliminata tant illi kien hemm anke proposti għal riformi leġislattivi. F'dan l-istat ta' skonfortanti indeterminatezza l-esponent għażel illi jkun prudenti tenut kont tas-sanzjoni ta' nullità prevista f'każijiet intavolati fl-assenza tal-leġittimu kuntraditur.«

7. Iżjed milli kwistjoni ta' leġittimazzjoni passiva, il-kwistjoni hija waħda ta' rappreżentanza: il-konvenut fil-każ tallum huwa l-Gvern ta' Malta u l-kwistjoni għalhekk hija min għandu jidher għalih. Il-materja hija regolata bl-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Taħt l-art. 181B huwa ġeneralment "il-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni", u qatt il-Prim'Ministru jew xi ministru ieħor, li jidher f'isem il-gvern fl-azzjonijiet ġudizzjarji. L-Avukat Ġenerali jidher f'isem il-gvern f'dawk l-azzjonijiet biss "li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-gvern" u għalhekk, ladarba fil-każ tallum huwa l-Kummissarju għat-Taxxi "l-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni", strettament la l-Prim' Ministru u lanqas l-Avukat Ġenerali ma kellhom jiddaħħlu fil-kawża. Billi iżda ma tressqet ebda eċċezzjoni dwar l-Avukat Ġenerali l-qorti

ma hija sejra tagħti ebda provvediment dwar dan, iżda l-aggravju dwar il-Prim'Ministru huwa miċħud.

8. L-aggravju l-ieħor jolqot id-deċiżjoni dwar rimedji taħt il-liġi ordinarja, u ġie mfisser hekk:

> »… … … teżisti sentenza antika tal-Qorti Kostituzzjonali fejn il-qrati tagħna kienu affaċċjati b'sitwazzjoni simili ta' dik odjerna. Din hija s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Novembru 1977 fl-ismijiet Dr Walter Cuschieri *v.* Onor. Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta. Il-kwestjonijiet legali pertinenti għal dan il-każ kienu ġew ventilati fil-każ Cuschieri f'liema każ, prevedibilment, l-ewwel qorti kkonkludiet illi f'każ illi *non si tratta* sempliċement ta' sempliċi kontestazzjoni fattwali iżda kontestazzjoni ta' liġi mgħoddija mill-Parlament fis-sens kostituzzjonali, il-qorti għanda teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha.
>
> »Ir-rikors promotur jitkellem għalih innifsu; it-talba kienet ċara u unekwivoka (*sic*); il-kawża kif proposta kienet tikkomprendi talba ta' nullità ta' liġi. L-ixprun tal-każ kien appuntu talba għal impunjazzjoni ta' liġi illi tikkanċella l-istitut tal-preskrizzjoni. L-indoli kostutuzzjonali tar-rikors promotur kien wieħed prevalenti. L-ewwel qorti kellha obbligu kostituzjonali illi teżerċita l-funzjonjiet tagħha.
>
> »… … …
>
> »L-ewwel qorti kienet obbligata twettaq l-funzjoni kostituzzjonali tagħha għaliex:
>
> »(a) ir-rimedju mitlub kien wieħed straordinarju (l-impunjazzjoni ta' liġi); l-ebda tribunal jew Qorti tal-Appell ma tista' tagħti rimedju bħal dak mitlub. Ir-rimedju mitlub kien jinkwadra ruħu perfettament fil-mansjonjiet ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali. Illi wieħed jippretendi illi daqsxejn ta' tribunal, motu propju, mingħajr ebda gwida preċedenti u superjuri, jiddeċiedi illi jiskarta artikolu tal-*lex specialis* hija pretensjoni straordinarja u irrejalistika. Ġaldarba l-esponent wera illi huwa vittma tal-*lex specialis* lanjata u l-liġi kostituzzjonali tikkontempla triq spjanata għall-impunjazzjoni ta' liġijiet, ma hemm l-ebda raġuni valida għaliex l-ewwel qorti ma kellhiex teżerċita l-obbligi kostituzzjonali tagħha;
>
> »(b) jeżistu raġunijiet gravi u sufficjenti illi jiddimostraw illi, fil-każ odjern, is-setgħat kostituzzjonali kellhom jiġu eżerċitati. Ġie dimostrat illi l-artikolu 31 (7) tal-Kapitolu 372 kontestat huwa *mare magnum* illi jxejjen inġustament l-istitut sagru tal-preskrizzjoni. L-artikolu 31(7) huwa wiesa' żżejjed, iddiżinjat u mfassal sabiex jippermetti u jiġġustifika lungaġini amministrattivi bħal dawk esperjenzati fil-każ Geranzi[1] ċitat fir-rikors promotur. 99% (jekk mhux ukoll 100%) tal-każijiet fiskali jaqgħu fil-parametri tal-artikolu 31(7) tal-Kapitolu 372 b'mod illi f'kazijiet fiskali effettivament titneħħa l-preskrizzjoni. L-artikolu 31(7) joħloq lok għal

[1] Kost. 30 ta' Novembru 2012.

abbuż amministrattiv u piż eċċessiv leżiv tad-dritt għal smigħ xieraq;

»(ċ) ir-rimedju kostituzzjonali huwa l-uniku rimedju sabiex l-artikolu 31(7) tal-Kapitolu 372 jiġi dikjarat null u l-istima maħruġa kontra l-esponent tiġi sommarjameni u effiċjentement dikjarata perenta mingħajr ma l-esponenti jiġi assoġġettat inutilment għal snin ta' proċeduri legali inutli;

»(d) ma jeżisti l-ebda rimedju ordinarju illi jista' jelimina l-ilment tal-esponent;

»(e) id-diskrezzjoni illi teżerċita s-setgħa illi tisma' lment kostituzzjonali trid tiġi eżerċitata fl-aħjar interess tal-ġustizzja. Fejn jidher illi hemm ksur serju ta' dritt fondamtali, il-qorti għanda xxaqleb lejn li teżerċita s-setgħa kostituzzjonali. L-ilment tal-esponenti jirrigwarda każ illi huwa kjarament perent għaliex jirriżulta biċ-ċar illi l-perjodu ordinarju għad-dlsposizzjoni tal-Kummissarju għall-ħruġ tal-istima għadda. L-eżistenza kontinwa tal-artikolu 31(7) tal-Kapitolu 372 qed tissuġġetta lill-esponent inutilment għal snin ta' proċeduri ġudizzjarji bla bżonn. Huwa fuq kollox fl-interess tal-ġustizzja illi jiġu evitati kawżi żejda u bla bżonn.

»… … …«

9. L-argument essenzjalment huwa illi hija biss qorti ta' kompetenza kostituzzjonali li għandha s-setgħa tgħid illi liġi mgħoddija mill-Parlament ma għandhiex effett bejn il-partijiet fil-kawża. Dan huwa minnu iżda l-interess ta' attur f'kawża dwar drittijiet fondamentali ma huwiex dak li jħassar liġi – bħal f'azzjoni popolari taħt l-art. 116 tal-Kostituzzjoni – iżda li jikseb rimedju għall-ksur ta' drittijiet allegat minnu. Jekk dak ir-rimedju jista' jingħata biss billi liġi tiġi dikjarata bla effett fejn tolqot lilu, mela iva r-rimedju jista' jingħata biss minn qorti ta' kompetenza kostituzzjonali; jekk iżda jista' jikseb rimedju tajjeb u biżżejjed taħt il-liġi ordinarja – kif tgħid li jista' s-sentenza appellata – mela r-rimedju għandu jingħata taħt il-liġi ordinarja.

10. Il-kwistjoni għalhekk hi jekk ir-rimedju li l-ewwel qorti qalet li l-attur għandu taħt il-liġi ordinarja huwiex tajjeb u biżżejjed.

11. L-argument tal-attur huwa illi t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa ("it-Tribunal"), li quddiemu hija pendenti l-kontestazzjoni tiegħu kontra l-avviżi ta' likwidazzjoni tat-taxxa maħruġa mill-Kummissarju, ma għandux għażla ħlief illi jiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni li hu ressaq għax "idejn it-Tribunal huma marbutin mil-liġi"; it-tweġiba tal-ewwel qorti hija illi t-Tribunal għad irid jiddelibera dwar dik l-eċċezzjoni u ma jistax jingħad *a priori* li sejjer jiċħadha; għalhekk huwa xieraq illi l-qorti tistenna d-deċiżjoni tat-Tribunal qabel ma tgħid jekk b'dik id-deċiżjoni nkisrux il-jeddijiet tal-attur.

12. L-art. 31(7) tal-Kap. 372, li dwaru qiegħed jilmenta l-attur, joħloq eċċezzjoni għar-regola ġenerali li hemm fl-art. 31(6) dwar iż-żmien li fih il-Kummissarju jista' jagħmel stima tat-taxxa:

> »**31.** (6) Stima jew stimi addizzjonali għal xi sena ta' stima … … … għandha ssir jew għandhom isiru … … … mhux iktar tard minn ħames snin minn tmiem is-sena li fiha kien intbagħat prospett tal-*income* jew prospett ulterjuri għal dik is-sena … … …
>
> »(7) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (6) meta persuna:
>
> »(*a*) tkun bagħtet prospett jew prospetti lill-Kummissarju u fihom ma tkunx żvelat il-fatti materjali kollha rilevanti għalbiex jiġi determinat l-*income* u t-tnaqqis permess; jew
>
> »(*b*) bil-għan li tiġi evitata t-taxxa jew bi traskuraġni kbira jew konsapevoli tkun bagħtet lill-Kummissarju prospett li ma jkunx korrett u qarrieqi f'xi aspett materjali,
>
> stima jew stima addizzjonali taħt is-subartikolu (5) tista' ssir f'kull waqt wara ż-żmien stipulat skont ma hemm f'dan l-Att għar-rigward tal-konsenja tal-prospett tal-*income* għal dik is-sena.
>
> »(8) Jista' jsir appell [lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u, mid-deċiżjoni tat-Tribunal, lill-Qorti tal-Appell fuq punt ta' liġi] minn deċiżjoni dwar jekk ikunx hemm xi waħda miċ-ċirkostanzi li wasslu għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7). … … …«

13. L-eċċezzjoni li joħloq l-art. 31(7) ma tapplikax awtomatikament f'kull każ, iżda biss meta l-Kummissarju juri illi hemm iċ-ċirkostanzi msemmija fil-para. (*a*) u (*b*) ta' dak is-sub-artikolu. Jekk l-attur ressaq il-pre-

skrizzjoni taħt l-art. 31(6) għandna nifhmu illi dan għamlu għax fil-fehma tiegħu dawk iċ-ċirkostanzi ma jeżistux fil-każ tiegħu. Dwar jekk jeżistux jew le għad irid jiddeċiedi t-Tribunal, li, għalkemm l-attur iqisu biss “daqsxejn ta' tribunal”, xorta għandu s-setgħa jiddċiedi jekk il-każ jintlaqatx bl-art. 31(7) jew le. Jekk it-Tribunal jiddeċiedi li l-art. 31(7) ma jolqotx il-każ tal-attur mela l-kwistjoni kostituzzjonali ma tqumx u l-kawża tallum tkun saret għalxejn; jekk jiddeċiedi li l-art. 31(7) jolqot il-każ, imbagħad tqum il-kwistjoni jekk dan ikunx bi ksur tal-jeddijiet tal-attur. Qabel iżda ma tingħata d-deċiżjoni tat-Tribunal il-kwistjoni mqanqla quddiem din il-qorti tkun biss akkademika u prematura.

14. Kienet għalhekk għaqlija u korretta d-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi l-kawża tallum hija prematura għax l-attur għadu ma nqediex bir-rimedji kollha li tagħtih il-liġi ordinarja.

15. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

16. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb